MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tas-16 ta' Jannar, 2008

Citazzjoni Numru. 1327/2003

John Mary Schembri u Doris Schembri mart l-istess John Mary Schembri
vs
Dominic Borg

Il-Qorti,

**A. CITAZZJONI:**

Rat ic-citazzjoni tal-atturi li biha ppremettew:

Illi l-atturi ghandhom fil-pussess taghhom raba' maghruf bhala "Tal-Benniena" fil-limiti tal-Mosta.

Illi madwar xahar ilu l-attur John Mary Schembri hawwel hames (5) sigriet taz-zebbug, f'parti mill-istess raba' u qieghed filata gebel fil-linja bejn din il-parti tar-raba' u rampa fl-istess raba' li mit-triq taghti ghar-raba' fil-pussess tal-konvenut u ghall-kumplament tar-raba' fil-pussess ta' l-atturi.

Illi fid-dsatax (19) ta’ Novembru 2003, il-konvenut, bil-vjolenza u bil-mohbi, qala’ l-imsemmija hames sigriet u rega’ hawwilhom uhud f’parti ohra mir-raba’ fil-pussess ta’ l-atturi u uhud fil-linja divizorja bejn ir-raba’ fil-pussess ta’ l-atturi u r-raba’ fil-pussess tal-konvenut.

Illi ftit granet wara, il-konvenut, ukoll bil-vjolenza u bil-mohbi, nehha l-filata gebel fuq imsemmija.

Illi kemm bil-qligh ta’ l-imsemmija sigriet kif ukoll bit-tnehhija ta’ l-imsemmija filata gebel, il-konvenut ikkommetta spoll fil-konfornt ta’ l-atturi.

Illi ghalkemm interpellat sabiex jispurga l-ispoll minnu kommess, il-konvenut baqa’ inadempjenti.

L-atturi talbu lill-Qorti:

1. Tiddikjara li l-konvenut ikkommetta spoll fil-konfront ta’ l-atturi billi qala’ l-imsemmija hames sigriet taz-zebbug minn parti fil-pussess ta’ l-atturi u billi nehha l-imsemmija filata gebel mil-linja bejn din il-parti tar-raba’ u r-rampa fl-istess raba’ li mit-triq taghti ghar-raba’ fil-pussess tal-konvenut u ghall-kumplament tar-raba’ fil-pussess ta’ l-atturi.

2. Tikkundanna lill-konvenut sabiex fi zmien qasir u perentorju li jigi lilu prefiss, jirreintegra lill-atturi fil-pussess li kienu jgawdu qabel ma kkommetta l-ispoll billi jerga’ jqieghed l-imsemmija hames sigriet taz-zebbug fil-post fejn kienu mhawlin qabel ma huwa qalaghhom (jew iqieghed sigriet taz-zebbug simili fil-kaz li ma jkunx possibbli jergghu jitqieghdu dawk li qala’) u billi jerga’ jqieghed l-imsemmija filata gebel ukoll fil-post fejn kienet qabel ma huwa nehhiha, u dana taht id-direzzjoni ta’ periti nominandi jew taht kull provvediment li jidhrilha xierqa dina l-Qorti

3. Fin-nuqqas tawtorizza lill-atturi li jaghmlu l-imsemmija xogholijiet ta’ ripristinu huma a spejjez tal-konvenut, u dana taht id-direzzjoni ta’ periti nominandi jew taht kull provvediment li jidhrilha xierqa dina l-Qorti.

B'riserva ta' kull azzjoni ghad-danni u bl-ispejjez, komprizi dawk ta' l-ittra interpellatorja tal-ghoxrin (20) ta' Novembru 2003 kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti, il-lista tax-xhieda u d-dokumenti prezentati mill-atturi.

**B. ECCEZZJONIJIET:**
Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tal-konvenut li biha eccepixxa:

Illi huwa ma kkommetta l-ebda spoll fil-konfront tal-atturi billi l-art in kwistjoni kienet baqghet fil-pussess tal-konvenut. Ftit xhur ilu l-konvenut sab xi sigar u gebel fl-art in kwistjoni u kien jidher li dawn kienu ghadhom kif tqieghdu. Hu nehhihom, kif kellu kull dritt li jaghmel a bazi a tenur tal-principju ***vis vim ripellere***.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti, il-lista tax-xhieda u d-dokumenti prezentati mill-konvenut.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet lix-xhieda bil-gurament.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**C. PROVI:**
Gie prezentat affidavit ta' John Mary Schembri li fih ikkonferma dak kollu fid-dikjarazzjoni mahlufa minnu u mehmuza mac-citazzjoni. Il-bicca raba' mmarkata bl-isfar fuq il-pjanta ezebita minnu bhala Dok JM4, u li fiha hawwel il-hames sigriet taz-zebbug f'Novembru 2003, tifforma parti mir-raba' li hu jahdem u li ilu jahdem ghal bejn wiehed u iehor, dawn l-ahhar tletin sena. Ghall-bidu li beda jahdem dan ir-raba' tieghu, inkluza l-parti tar-raba' in kwistjoni, hu kien jizra' fih hxejjex bhal tadam u ful. Qal

li din ir-raba’ huwa kollu baghli, u ghalhekk fl-istagun tas-sajf ir-raba’ ma jkunx mizrugh, hlief ghal xi sentejn li fihom kien zera’ s-silla. Gara mbaghad li ghall-habta tal-bidu tas-sena 2000 sabu hu l-konvenut Anthony Borg u ssuggerielu li jaghmlu rampa f’bicca mill-istess parti tar-raba’ in kwistjoni, u dana sabiex jinholoq access mit-triq principali ghar-raba’ tal-konvenut. Fil-fatt sa dak iz-zmien, il-konvenut u hutu kienu jidhlu ghar-raba’ taghhom billi fis-sajf ighaddu minn tarf ir-raba’ tieghu, jaqsmu r-raba’ tieghu u jidhlu f’taghhom. Fix-xitwa l-konvenut u niesu kienu jipparkjaw it-trakk taghhom ma’ gemb it-triq principali quddiem il-parti tar-raba’ tieghu in kwistjoni u jghaddu bil-mutur tal-hart minn fuq din il-parti tar-raba’ tieghu ghal gewwa r-raba’ taghhom. Hu kien ihallihom ighaddu u qatt ma oggezzjona. Il-konvenut u hutu riedu jaghmlu r-rampa li semma kemm biex ma jkollhomx ghalfejn jmorru jghidulu kull sajf biex ighaddu minn fuq ir-raba’ tieghu kif spjega, kif ukoll billi ma setghux jibqghu jipparkjaw it-trakk taghhom ma’ genb it-triq principali kif kienu jaghmlu fix-xitwa minhabba xi xogholijiet li l-Gvern beda jaghmel f’din it-triq. Hu accetta li ssir ir-rampa billi, kif qal, din kienet ser issir fuq parti mir-raba’ tieghu li ma tantx kienet ghammiela. Fil-fatt ir-rampa saret lejn l-ahhar tas-sajf ta’ l-istess sena 2000. Ghall-ewwel m’ghogbitux kif kienet saret ir-rampa u qal lill-konvenut dwar dan u wara xi diskussjonijiet spicca biex iddrittaha. Kellu ukoll kwistjoni mal-konvenut ghax fl-ewwel sajf wara li saret ir-rampa, huwa kien jibqa’ diehel bit-trakk u jipparkjah fil-parti ta’ gewwa tar-raba’ tieghu, minflok ma’ jipparkjah fir-raba’ tieghu. Hu qallu biex ma jibqax jaghmel hekk u wara l-ewwel sajf li saret ir-rampa, il-konvenut beda, minflok jipparkja t-trakk fil-parti in kwistjoni msemmija fejn, imbaghad, f’Novembru 2003 hu hawwel is-sigar taz-zebbug. Hu qallu biex ma jipparkjax anqas hemmhekk u ghamel linja gebel bejn ir-rampa u din il-parti msemmija tar-raba’ tieghu. Hu qallu wkoll illi r-rampa kien ippermetta li ssir biex huma jkunu jistghu jidhlu bit-trakk ghar-raba’ taghhom, u mhux biex huwa jhalli t-trakk tieghu fir-raba’ tieghu. Izda huwa nehha l-gebel li ghamel u baqa’ jipparkja spiss f’din il-parti. Qal li ghamel kollox xi sentejn wara li saret ir-rampa jipparkja spiss f’din il-parti tar-raba’ tieghu, u ghamlu dan iz-zmien kollu b’hu jqieghed il-gebel

u l-konvenut inehhih. Wara dawn is-sentejn, u cjoe` fl-ahhar sena qabel ma hawwel is-sigar taz-zebbug fil-parti msemmija, hu zera' r-raba' kollu, inkluza din il-parti bil-qamh, kif gja` semma. Hu baqa' dejjem jinsisti mal-konvenut biex ma jipparkjax it-trakk tieghu b'dan il-mod, u mbaghad f'Novembru 2003, minflok ma rega' zera' l-parti msemmija kif jaghmel is-soltu, hawwel il-hames sigriet taz-zebbug u rega' ghamel il-linja gebel fil-post li semma. Jumejn wara li hawwilhom, u cjoe` fid-19 ta' Novembru, il-konvenut qala' s-sigriet. Fil-fatt minn dak iz-zmien sa llum, dejjem jara l-istess trakk tal-konvenut ipparkjat gewwa r-raba' tal-konvenut.

Xehed <u>John Mary Schembri</u> in kontro ezami u qal li l-konvenut kien jghaddi minn fetha aktar 'il fuq mir-raba' tieghu ghax ir-raba' tieghu aktar 'il fuq tmiss mat-triq u hija l-istess access li hu ghandu ghar-raba' tieghu u mbaghad wara jdur dawra mal-hajt tar-raba' tieghu u jizbokka go nofs il-habel tieghu. Mis-sena 2000 'l hawn beda jipparkja l-vann tieghu f' dak il-feles meta jmur. Mistoqsi mill-Qorti l-art in kwistjoni min kien jahdimha qabel fejn hawwel is-sigar qal li dejjem hadmuha huma, il-familja tieghu. Hu kien ilu fuq xi 25 sena jahdimha wahdu u mbaghad qabel mal-familja tieghu. Sadanittant hadd ma kien jindahallu fuq il-post fejn hawwel is-sigar. Kien x'hin qala' s-sigar il-konvenut l-ewwel darba li mar il-Qorti. Mistoqsi mill-Qorti jekk fil-parti fejn hawwel is-sigar hu kienx ipoggi l-***van*** qabel qal li fis-sajf iva izda mhux dejjem. Fil-fatt ir-rampa saret fis-sena 2000 u s-sigar hawwilhom fl-2003. Qal li l-van ma kellux dritt idahhlu ghax hu r-rampa tahielu biex jidhlu t-tnejn. Ir-rampa tiehu naqra anqas minn nofs il-feles. Hu hawwel is-sigar mir-rampa 'l isfel u ghalhekk mhux fir-rampa. Fejn hu hawwel is-sigar dik kien jizraghha qabel, darba minnhom bil-qamh u darba silla.

Gie prezentat affidavit ta' <u>Doris Schembri</u> li fih ikkonfermat bhala fatti li taf bihom personalment dak kollu li jinghad fl-ewwel paragrafu tad-dikjarazzjoni mahlufa minn zewgha u mehmuza mac-citazzjoni. Tiftakar car li r-raba' dejjem kien jinhadem kollu, inkluza l-parti mmarkata bl-isfar fuq il-pjanta ezebita minnha u minn zewgha Dok JM4. Qalet li qabel ma saret ir-rampa li mit-triq principali taghti ghar-

raba’ tal-konvenut, wiehed mill-ahwa tal-konvenut, u cjoe` jew Jimmy Borg jew Anthony Borg, kien imur darba fis-sena d-dar taghha filghaxija ghall-bidu tas-sajf jghidilha biex tghid lil zewgha li l-ghada kienu ser jghaddu mir-raba’ taghhom biex jidhlu ghar-raba’ taghhom.

Gie prezentat affidavit ta’ Joseph sive Giuzeppi Schembri, hu l-attur, u qal li hu kien jahdem ir-raba’ ta’ l-atturi sa madwar hamsa u ghoxrin sena ilu. Semma li meta kien jahdem ir-raba’ ma kien jezisti ebda hajt jew marka bejn din il-bicca raba’ u l-kumpament tar-raba’ ta’ l-atturi.

Gie prezentat affidavit ta’ Grezzju Schembri, hu l-attur, li fih issemma li r-raba’ li llum jahdem l-attur jafu sew billi kien ilu jmur fih minn mindu kien tifel. Qal li bejn dik il-parti u l-bqija tar-raba’ ta’ l-atturi qatt ma kien hemm ebda sinjal jew hajt.

Xehed Grezzju Schembri in kontro ezami u qal li lil Dominic Borg jafu u semma li dan ukoll ghandu bicca li jahdimha u li tmiss mar-raba ta’ huh. Qal li ta’ Duminku meta thares dejjem min-naha tat-triq, hija fuq in-naha tax-xellug izda ma tmissx mat-triq. Dak iz-zmien li kien jahdem l-art ma’ missieru lil missier Duminku kien jara mhux lil Duminku.

Rat l-affidavit ta’ Fabian Schembri, iben l-atturi, u qal li jiftakar li qabel ma saret ir-rampa li mit-triq principali taghti ghar-raba’ tal-konvenut, il-hamrija kienet f’forma ta’ zurzieqa zghira niezla ghall-imsemmija parti tar-raba’ ta’ missieru. Dak iz-zmien ukoll, il-hajt tas-sejjieh li jifred l-imsemmija parti tar-raba’ ta’ missieru mir-raba’ tal-konvenut kien jestendi tul il-linja li taqsam dawn iz-zewg bicciet raba’. Illum il-hajt jasal biss sat-tarf tar-rampa li semma. Jiftakar li fis-sentejn ta’ wara li saret ir-rampa, il-parti msemmija tar-raba’ ta’ missieru nzerghet bis-silla, filwaqt li l-bqija tar-raba’ nzera’ bil-qamh. Fis-sena ta’ wara mbaghad, jiftakar li r-raba’ kollu, bil-parti msemmija b’kollox, izera’ bil-qamh. F’gurnata fil-bidu ta’ Novembru li ghadda, hu mar fil-parti msemmija tar-raba’ ta’ missieru u haffer hames hofor fiha biex missieru jkun jista’ jhawwel il-hames sigar taz-zebbug. Jaf li missieru kien harat dik il-

parti tar-raba’ l-gurnata ta’ qabel u jaf ukoll li missieru mar ihawwel is-sigar taz-zebbug dakinhar stess li hu ghamel il-hofor. Jumejn wara, kien ghaddej minn hemm bil-karozza wara nofs in-nhar, u mit-triq ra s-sigar taz-zebbug imhawlin f’linja wara xulxin kif jidher fir-ritratt numru 5 ezebit bhala parti mill-imsemmi Dok JM3. Kien ovvju ghalhekk li xi hadd kien qala’ dawn is-sigar minn fejn kien hawwilhom missieru u rega’ hawwilhom fil-post li kien ghadu kif semma u li llum ghadhom jinsabu fih. Malli ra hekk, mar jigri d-dar jghid lil missieru b’dan u suggerielu li jmur l-ghassa jaghmel rapport.

Xehed Fabian Schembri u qal li din l-ghalqa, din ir-roqgha qal li hu gieli hadimha izda wara li saret ir-rampa.

Gie prezentat l-affidavit ta’ Dominic Borg il-konvenut, li fih issemma li hu ghandu l-ghalqa maghrufa bhal Tal-Benniena limiti tal-Mosta. Din l-ghalqa ilha tal-familja tieghu minn zmien in-nanniet. In-nanniet tieghu wkoll kienu jahdmuha l-ghalqa. Barra minn hekk huh Toni kien ilu jinzel jghin lill-missieru xi hamsin sena filwaqt li hu kien ilu jmur l-ghalqa xi tletin sena. Semma li fuq ghaxar snin ilu l-ghalqa ta’ missieru waqghet f’idejh u kienu baqghu jidhlu minn go l-ghalqa ta’ John Mary Schembri imma xi kulltant kien jieqaf bil-***van*** fit-triq u jghaddi bil-mixi minn gol-bicca mmarkata bl-ahmar fuq il-pjanta mmarkata Dok DB1. Qal illi l-uniku drabi li talbu permess biex jidhol gol-ghalqa tieghu kien meta kellu jghaddi bl-ingenji kbar. Hu kellu d-dritt jghaddi minn gol-ghalqa tieghu sajf u xitwa. Meta hu kien jipparkja fit-triq gieli marru jkellmuh in-nies biex jghidulu li kien ipparkjat hazin. Fejn saret ir-rampa qatt ma kienet inhadmet minn hadd, kien fiha hmieg u imbarazz u kienet zdingata hafna. Hu ghamel xi sentejn jipparkja l-***van*** hemmhekk. Wara li ghaddew xi sentejn minn meta naddaf ir-roqgha, jum fost l-ohrajn f’Novembru 2002, sabha mizrugha bil-qamh u hu mar jistaqsi lil Gamri Schembri ghalfejn ghamel hekk u hu qallu ghax dik tieghu. Hu qallu biex jiffirmalu karta li l-art hija tieghu mbaghad kien ihallih jipparkja kemm irid. Hu ma riedx jiffirmalu peress li hu jsostni li dik il-bicca art hija tieghu. Ghamel ukoll filata gebel fil-bicca li hu kien qed juza biex idahhal il-karozza. Ix-xhud nehha l-filata gebel minnufih.

Wara li jitlaq kien jerga' jaghmel il-filata gebel imma hu lilu qatt ma qallu biex ma jipparkjax hemm. Semma li nehha l-hames sigriet minn gol-bicca tieghu bil-mod u s-sigar zeraghhomlu fil-bicca tieghu fin-nadif. Sostna li John Mary Schembri ma kellux dritt jizra' s-sigar fil-bicca art li ilu juza dawn is-snin kollha u lanqas ma kellu dritt jaghmel dik il-filata gebel li kien ghamel. Kien ghalhekk li hu nehha s-sigar u l-gebel li hu ghamel fil-bicca art li kien qed juza hu.

Gie prezentat affidavit ta' <u>Tony Borg</u> hu l-konvenut Dominic Borg li semma li kien hemm feles zdingat u kien jintefa' hafna imbarazz fih. Sostna li dan il-feles qatt ma nhadem u li in segwitu huh Dominic ghamel rampa go fih.

Rat l-affidavit ta' <u>John Mary Borg</u>, hu Dominic Borg, li fih issemma li meta l-art hadha John Mary Schembri, darba minnhom waqqfu u qallu li biex jghaddi minn go fiha hu ried jistaqsih ghall-permess. Hu qal li dan ma kienx minnu peress li hu kellu kull dritt jghaddi minn hemm. Xi snin ilu huh Duminku ghamel rampa biex jghaddi mit-triq gol-ghalqa taghhom. Din ir-rampa ghamilha f'bicca art zdingata li qatt ma nhadmet. Din kienet mimlija imbarazz ta' sigar u imbarazz tan-nies. L-imbarazz fil-fatt ghadu hemm sal-lum.

Rat l-affidavit ta' <u>Mario Grech</u> li fih issemma li hu mizzewweg lil oht Duminku Borg li jisimha Lina Grech. Il-familja Borg ilu jafha 'l fuq minn ghoxrin sena. Hu gieli anke wassal lil missieru Duminku l-ghalqa. Duminku Borg naddaf bicca art biswit l-ghalqa maghrufa bhala tal-Benniena biex ikun jista' jipparkja l-***van*** fiha u li minnha jkollu access ghat-triq. Il-bicca art li naddaf ma kien juzaha hadd u meta naddafha kien hemm biss hmieg, imbarazz u gebel.

Gie prezentat affidavit ta' <u>Joseph Galea</u>, kugin ta' Duminku Borg, li fih issemma li hu ghandu 71 sena u hu kien dejjem jahrat il-bicca art li qieghdha f'idejn Dominic Borg minn zmien missieru. Biex jasal gol-ghalqa ta' Emanuel Borg li issa hi f'idejn Dominic Borg hu kien jghaddi minn gol-ghalqa ta' missier Giamri Schembri u

dan peress illi l-ghalqa ta’ Borg ma kellhiex access minn got-triq. Fit-2000 Duminku fetah rampa ghall-access mit-triq u l-bicca li naddaf qatt ma kienet tintuza minn ta’ Schembri kemm ilu jmur hemmhekk jahdimha. Kien hemm hafna zkuk u mbarazz u jahseb li kull ma kellu x’jarmi kien jitfghu hemmhekk.

Xehed Victor Vella li jahdem fl-Ufficcju tar-Registrazzjoni tal-Bdiewa tat-tip tar-raba’ u qal li dwar id-Dokument A li jinsab a fol 76 tal-process li minnu hemm pjanta fuq l-art tal-Benniena u dwar dan qal bhala registazzjoni li r-registrazzjoni skond ir-***records*** li ghandhom fid-dipartiment fuq il-mapep qieghdha registrata fuq Gianni Schembri I.D. 538249. Esebixxa kopja tal-provenjenza ta’ kif inhuma bhala Dokument AA. Esebixxa bhala kopja AB kopja tal-pjanta originali. Gie mistoqsi fuq il-feles 263 li jinsab fuq il-pjanta esebita bhala dokument AB li tinstab immarkata bhala 127 fuq il-pjanta AA jew 127 ukoll fuq il-pjanta A a fol 76 tal-process u qal li ma kienx preparat fuq dan ir-registrazzjoni. ***Number*** 127 dawk jghidulhom ***spot levels*** huwiex il-proprju ***parcel number***. Spjega li 127 jindika livelli waqt li t-265 u numri ohra jindikaw il-***portion*** ta’ l-art in kwistjoni. Kellu wkoll bhala dokument iehor Dokument AC li jitkellem dwar registrazzjonijiet ta’ John Schembri u li t-263 ma kienx jidher li mhux imnizzla fuqu. Inoltre esebixxa bhala Dokument AD id-Dokument referibbli ghal Dominic Borg. It-265 hija registrata fuq Dominic Borg li gejja minghand missieru Emanuel Borg, werita minghand il-qbiela taghha. Dejjem jigi registrat min ikun qieghed fiha l-art, l-***owner*** hija ***secondary information*** ghalihom ghalkemm tkun miktuba. Dwar meta dak il-feles gie registrat fuq Gianni Schembri, ghall-feles partikolari biss mhux ghal kumplament, ghal dak il-feles biss. Ghall-feles partikolari li hu mmarkat bl-ahmar fuq il-pjanta u cioe` tal-parti ta’ fuq tat-265 l-ewwel ***registration*** saret minn Schembri Bastjan fl-10/7/44 li mbaghad ghaddiet bhala ***second registration*** fit-28/1/69 f’idejn Joseph Schembri li mbaghad il-biljett tieghu dawru fuq il-mara ta’ huh li mbaghad spicca fuq Gamri Schembri u dak dar il-biljett fuq Gamri Schembri ma kellux id-data. Spjega lill-Qorti li l-feles li qed jissemma li qieghed fin-naha ta’ fuq tat-265 mhux parti mit-265 izda mit-265A u

infatti hdejn in-numru 144 tidher qisha S li dik hija li huma jghidulha katina biex turi li dak il-feles huwa maqghud mat-265A u ghalhekk mhux mat-265. Ir-registrazzjoni minn dejjem kienet hekk. Din il-forma ta' S katina tinstab anka fuq il-pjanta antika, dawk kienu jkunu registrati bil-lapes fuq is-sistema antika. Jinteressahom il-***parcels*** u minn min ikun qed jahdimhom. Huma passaggi ma jkollhomx imnizzlin. Dawn il-konkluzjonijiet tieghu wasal ghalihom appuntu minn dik il-marka ta' qisha S ghax ghalhekk isiru s-sinjali biex juri l-parti qeghda konkatenata mal-parti ta' fuq u meta ra l-pjanta hu sabha hemmhekk. Meta ra l-marka hemmhekk u ghalhekk assuma li ilha mill-bidu mill-1944 meta saru r-registrazzjonijiet pero` naturalment ma kienx hu hemm fl-1944.

**D. KUNSIDERAZZJONIJIET:**

Illi din il-kawza tirrigwarda spoll li allegatament sar f'parti raba` maghrufa bhal "Tal-Benniena" fil-limiti tal-Mosta. Illi irrizulta li l-atturi kellhom ghalqa li baqghu juzaw wara missier l-attur Schembri. Jirrizulta li l-konvenut ghandu l-art kontigwa ma' dik ta' l-attur. Illi l-attur kien hawwel hames sigriet taz-Zebbug f'parti mill-istess raba` u qieghed filata gebel fil-linja fejn din il-parti tar-raba` u rampa fl-istess raba`. Irrizulta li fid-19 ta' Novembru 2003, li l-konvenut qala' l-imsemmija sigriet u rega' hawwilhom f'parti ohra tar-raba' tal-atturi, u fil-linja divizorja ta' bejn l-attur u l-konvenut. Ghalhekk, l-atturi pprocedew bil-kaz odjern. Min-naha l-ohra, l-konvenut eccepixxa li huwa ma kkommetta l-ebda spoll peress li din l-art hija fil-pusssess tal-konvenut u s-sigar seta' jnehhihom abbazi tal-principju ***vis vim ripellere***.

Fl-ispoll, tliet elementi huma necessarji:

***1)*** Pussess materjali – ***Possedisse***
2) L-att ta' spoll jew molestja – ***Spoliatum fuisse***
3) L-azzjoni ssir fi zmien xahrejn – ***infra bimestre deduxisse***.

F'dan il-kuntest, ta' min ighid, li l-attur irid jippruova li fil-mument tal-ispoll, huwa kien fil-pussess tal-oggett spoljat, izda tali pussess m'hemmx bzonn li jkun pussess b'titolu ta' proprjeta` jew servitu`, izda anke purament materjali

jew di fatto, izda mhux ta’ mera tolleranza. (Ara **Joseph Vassallo Gatt noe. vs Joseph Camilleri proprio et noe –** Appell Civili – 26 ta’ Jannar 1996, u **Annetto Xuereb Montebello et vs Paolin Magri et –** Appell Civili – 19 ta’ Gunju 1953).

L-istess principju gie ribadit ukoll fis-sentenza ta’ l-Appell fl-ismijiet **Emanuel sive Leli Sammut vs John Sammut** tad-19 ta’ April 1999, fejn l-istess Qorti tal-Appell sostniet:
“L-attur kellu jipprova b’mod konklussiv li kellu “un possesso di fatto”, u mhux pussess bazat fuq xi mera tolleranza li ma tkunx bizzejjed biex isservi ta’ fondament ghall-akkwist tal-pussess mehtieg bhala bazi ta’ din l-azzjoni.”

Il-ligi tikkontempla l-pussess materjali, kien liema kien u mhux il-pussess ***animo domini***, u l-konvenut f’ kawza ta’ reintegrazzjoni mhux lecitu li jinvestiga x-xorta ta’ pussess ta’ l-attur. Konsegwentement, ghal din l-azzjoni, il-ligi ma tirrikjedix il-prova tal-legitimita` tal-pussess turbat, u takkorda r-reintegrazzjoni anke favur il-pussess in ***mala fede*** (Ara **Maria Dolores Mifsud vs Michele Galea**, Appell Civili, 29 ta’ Marzu 1957). Fil-kaz odjern, l-atturi stabbilew li huma kellhom il-pussess ta’ l-art in kwistjoni.

Illi l-Artikolu 792(3) tal-Kap 12, jiddisponi li:
“Il-Qorti ghandha tezamina biss il-fatt tal-pussess jew tad-detenzjoni u l-fatt tal-ispoll.”

Hekk fil-kawza fl-ismijiet, **Joseph Cilia et vs Loreto Camilleri et** Prim’ Awla - 12 ta’ gunju 1998, inghad li:
“Il-ligi taghna fl-azzjoni ta’ spoll ma taghtix lok ghal ebda indagini ohra barra minn dak li tistabilixxi
(a) il-fatt ta’ pussess/ detenzjoni u
(b) il-fatt ta’ spoll.

Indagini limitatissima, rigoruza u skarna. L-artikolu 791 (3) tal-Kap 12 jiddisponi:
“Il-Qorti ghandha tezamina biss il-fatt tal-pussess jew tad-detenzjoni, u l-fatt tal-ispoll.”

Fil-kawza **Mariano Farrugia et noe vs Peter Paul Cutajar** moghtija mill-Prim' Awla fit-23 ta' Ottubru 1998 gie affermat:
"Din l-azzjoni ta' spoll hija koncepita bhala azzjoni rapida u effikazi ghall-iskop li ma thalli lil hadd jiddisturba 'stat ta' fatt' arbitrarjament u hija intiza 'unikament biex iggieghel lill-konvenut li jerga' jqieghed il-haga fl-istat li kienet qabel ma ddisturbaha u daqshekk biss."
(Ara wkoll **Margherita Fenech vs Pawlu Zammit,** Prim' Awla, 12 ta' April 1958, u **Francesco Busuttil vs Giocchino Scerri proprio et noe,** Prim' Awla, 14 ta' Marzu 1997).

F'kawza ta' spoll **'de recenti'** jew privileggjat, m'ghandux jitqies hlief il-pussess jew id-detenzjoni tal-ispoljat u l-ispoll tal-ispoljatur – Ara **Salvatore Abela vs Giuseppe Barbara,** Prim' Awla, Qorti Civili, 27 ta' Frar 1946. Minhabba f'hekk mhumiex permessi hlief eccezzjonijiet dilatorji f'kawzi ta' din ix-xorta,hekk kif provdut fl-artikolu 791(1) tal-Kap 12.

It-tieni element li jrid jigi ppruvat fl-***actio spolii*****,** hu li l-atturi effettivament gew spoljati mill-pusess taghhom – l-att ta' spoll jew molestja – ***Spoliatum fuisse*****.** Illi hawnhekk, hu bizzejjed li jkun hemm nuqqas ta' kunsens, espress jew tacitu, ghal min isofri l-ispoll – Ara **Carmelo Rosario Dimech vs Antonia Fenech et,** Prim' Awla, 26 ta' Jannar 1957, u **Ersilia Zahra vs Aurelio Carabott,** Appell Civili, 2 ta' Dicembru 1955.

Fl-azzjoni ta' spoll privileggjat, l-***animus spoliandi*** ma jidholx. Illi l-Qorti, m'ghandhiex ghalfejn tidhol fil-kwistjoni jekk il-konvenuti kellhomx l-intenzjoni li jispoljaw. Fil-kawza **Philip Grima vs Joseph Mifsud noe et** deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell Civili 646/88 deciza fit- 28 ta' Novembru, 2003 inghad li wiehed irid jara biss jekk oggettivament kienx hemm att spoljattiv (***spoliatum fuisse)***. Ghalhekk, huwa irrelevanti jekk kienx hemm ***animus spoliandi.***

Illi ghandu jigi rilevat li l-vjolenza mehtiega fl-ispoll hija biss dik li l-att ta' spoll kien arbitrarju u kontra l-volonta`

tal-pussessur b'mod li jista' jaghti lok ghal azzjoni ta' danni kontra min ikun ghamel dak l-att – Ara **Joseph Vella vs Salvu Micallef** deciza mill-Prim'Awla fit-30 ta' April 1991.

Fil-kawza deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell Civili Superjuri fit-2 ta' Dicembru, 1955 fil-kawza fl-ismijiet **Ersilia Zahra vs Aurelio Carabott** Vol. XXXIX p.i.p. 320 inghad:
"Sabiex jigi sodisfatt dan ir-rekwizit ma hemmx bzonn il-***'vis atrox',*** cioe` xi vjolenza fizika jew morali fuq il-persuna tal-possessur, imma bizzejjed il-vjolenza fuq il-haga; liema vjolenza tavvera ruhha jekk l-opera spoljatrici tkun saret kontra l-kunsens tas-sid….."

Ezempji ta' tali komportament da parte tal-ispoljatur ghandu certament l-iskop li jimpedixxi l-liberu ezercizzju tal-pussess, tfixkil fid-drittijiet dimunizzjoni tal-pussess, jew hsara lil min isofri l-ispoll – Vol. XLI p.II p 1129.

Fil-kawza deciza mill-Qorti tal-Appell Civili Superjuri fis-6 ta' Ottubru 2000, fl-ismijiet **Buttigieg Paul vs Buttigieg Raymond** intqal:
"Hu wkoll pacifiku illi element essenzjali biex l-azzjoni ta' spoll privileggjat tkun tista' tregi huwa l-pussess da parti tal-ispoljat, il-prova li jkun sehh l-att spoljattiv ta' dak il-pussess vjolenti jew klandestin da parti tal-ispojant u li l-azzjoni tkun giet intavolata mill-ispoljat fi zmien xahrejn minn mindu jkun gie kommess l-att spoljattiv."

It-tielet element ghalhekk hu li l-azzjoni tkun giet proposta entro t-terminu ta' xahrejn mill-att spoljattiv – ***infra bimestre deduxisse*****.** Fil-kawza deciza minn din il-Qorti diversament preseduta fit-22 ta' Frar 1992 fl-ismijiet **Michelangelo Fenech noe vs Alfred Camilleri** inghad:
"It-terminu ta' xahrejn li fih l-attur irid jiddeduci l-pretensjoni tieghu huwa element essenzjali ta' din l-azzjoni li jehtieg li jigi konkludentement pruvat mill-attur."

Ara wkoll, f'dan is-sens **Dr. Victor Sultana vs Carmelo sive Charles Gafa`** deciza mill-Onor. Qorti tal-Appell fis-26 ta' Mejju 1998.

Fil-kaz odjern, kemm l-atturi u kemm il-konvenut sostnew li ghandhom pussess tal-parti tar-raba` in kwistjoni li taghti ghat-triq u li giet hekk imsejjha roqgha jew feles fix-xhieda moghtija. L-attur sostna li din il-parti tar-raba` fis-sajf ma kenitx tkun mizrugha, izda fix-xitwa gieli kienet tkun mizrugha bil-qamh. Sostna wkoll li peress li l-konvenut kien hafna drabi jghaddi mill-ghalqa tal-attur biex jaccedi ghar-raba` tieghu, kien talab permess lill-attur biex jaghmel rampa f'din ir-roqgha art, u l-attur kien accetta li ssir din ir-rampa. Tony Borg fl-affidavit tieghu kkonferma li meta gew biex jaghmlu dik ir-rampa kienu saqsew lil Giamri Schembri u kien tahom il-permess li jaghmlu hekk. (a fol 57). Ghall-allegazzjonijiet tal-konvenut, li din ir-roqgha art kienet dejjem zdingata, u peress li xhieda ohra sostnew li qatt ma nhadmet, huwa ammetta wkoll fil-kontro-ezami tieghu li xi drabi seta' kien hemm xi qamh. Fil-fatt, qal: "Ma neskludix li seta` tela' xi haga qamh…." (a fol 118). Ghalkemm, il-konvenut ikkonferma li kien hu li qala' s-sigar u l-filata tal-gebel u rega' hawwilhom x'imkien iehor, izda baqa' jinnega li kkommetta l-ispoll ghax baqa' jinsisti li l-art kienet tieghu.

F'dan il-kuntest, ta' min jaghmel differenza bejn pussess u mera tolleranza, stante li mera tolleranza ma tisodisfax l-ewwel rekwizit bhala element ta' spoll. Fid-dawl ta' dan enencjat hawn fuq u minn ezami tal-provi jidher li l-konvenut kien jipparkja l-vettura tieghu f'din ir-roqgha u jezercita drittijiet fuq din l-art b'mera tolleranza u mhux ghax kellu l-pussess ta' din il-bicca art. Di piu`, ix-xhud Victor Vella, rapprezentant fl-Ufficcju tar-Registrazzjoni tal-Bdiewa, kkonferma li din l-art in kwistjoni li tidher immarkata bl-ahdar a fol 82, hija registrata fuq Gamri Schembri u mhux fuq il-konvenut, u sostna li r-registrazzjoni dejjem kienet hekk (a fol 80). Fix-xhieda tieghu Vella semma li l-art immarkata 265 fuq il-pjanta Dokument AB a fol 83 hija registrata fuq Dominic Borg li gejja minn missieru Emanuel Borg. Zied li ghall-feles l-ewwel ***registration*** kienet fuq Bastjan Schembri fl-1944 u fl-1969 f'idejn Joseph Schembri u finalment spicca fuq Gamri Schembri. Il-feles mhux parti mit-265 izda 265A u infatti hdejn in-numru 144 tidher qisha "S" li huma jghidulha katina biex turi li l-feles huwa maghqud mat-

265A u mhux mat-265, liema registrazzjoni kienet hemm minn dejjem, u infatti hekk anke fuq il-pjanti antiki. Mill-"S" katina jidher car li l-parti qieghdha konkatenata mal-parti l-ohra u dan juri li ilha mill-1944 meta saru r-registrazzjonijiet. Ghalhekk, l-attur irnexxilu jipprova li kellu ***un possesso di fatto*** tal-art in kwistjoni.

Ghalhekk, fil-fehma ta' din il-Qorti, l-agir tal-konvenut li jfixkel lill-atturi fit-tgawdija taghhhom ***de facto*** huwa spoll kontra l-ligi. Fil-fatt, dak li huwa essenzjali huwa li sar att arbitrarju kontra l-volonta` tal-persuna spoljata. U din il-prova giet stabbilita.

Dwar it-tielet element tal-ispoll, ***infra bimestre deduxisse*** jirrizulta mill-provi li l-ispoll sar fil-perjodu ta' xahrejn qabel ma giet istitwita l-kawza fl-10 ta' Dicembru 2003 l-attur sostna li l-konvenut kien nehha s-sigar fid-19 ta' Novembru 2003, u Dominic Borg fil-fatt ikkonferma fl-affidavit tieghu li dan sehh f'Novembru 2003 ghalkemm ma pprecizax id-data (fol 55).

**E. KONKLUZJONIJIET:**

Ghalhekk riferibbilment ghall-eccezzjoni tal-konvenut li hu ma kkommetta ebda spoll fil-konfront tal-atturi din qed tigi michuda minhabba l-fatt li l-atturi kellhom il-pussess tal-art.

Dwar it-talbiet attrici, tiddikjara li l-konvenut ikkommetta spoll fil-konfront ta' l-atturi billi qala' l-imsemmija hames sigriet taz-zebbug minn parti fil-pussess ta' l-atturi u billi nehha l-imsemmija filata gebel mil-linja bejn din il-parti tar-raba' u r-rampa fl-istess raba' li mit-triq taghti ghar-raba' fil-pussess tal-konvenut u ghall-kumplament tar-raba' fil-pussess ta' l-atturi.

Tikkundanna lill-konvenut sabiex fi zmien xahar, jirreintegra lill-atturi fil-pussess li kienu jgawdu qabel ma kkommetta l-ispoll billi jerga' jqieghed l-imsemmija hames sigriet taz-zebbug fil-post fejn kienu mhawlin qabel ma huwa qalaghhom (jew iqieghed sigriet taz-zebbug simili fil-kaz li ma jkunx possibbli jergghu jitqieghdu dawk li qala') u billi jerga' jqieghed l-imsemmija filata gebel ukoll fil-post

fejn kienet qabel ma huwa nehhiha; Tordna li fin-nuqqas l-atturi huma awtorizzati li jaghmlu l-imsemmija xogholijiet ta' ripristinu huma a spejjez tal-konvenut, u dana wara rikors appozitu fejn il-Qorti tinnomina perit ghal dan l-iskop, riservata kull azzjoni ta' danni kontra l-konvenut.

Spejjez kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------